



UNJONI EWROPEA



Brussell, 18 ta' Marzu 2014
7920/14
(OR. en)
PRESSE 160

**Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni
Ewropea dwar l-allinament ta' ċerti pajjiżi terzi mad-Deċiżjoni
ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK li timplimenta
d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi
kontra l-Bjelorussja**

Fl-20 ta' Jannar 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK¹ li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK.

Id-Deċiżjoni temenda r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

Il-Pajjiżi Kandidati dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro*, u l-Islanda⁺, il-Pajjiżi tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u l-kandidati potenzjali l-Albanija u l-Bosnja-Herzegovina, u l-pajjiżi tal-EFTA l-Liechtenstein u n-Norveġja, il-membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, jallinjaw ruħhom ma' din id-deċiżjoni.

Huma ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota ta' dan l-impenn u tilqgħu.

¹

Ippubblikata fil-21.01.2014 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* nru L 16, p. 32.

*

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja għadhom jagħmlu parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

+

L-Islanda għadha membru tal-EFTA u taż-Żona Ekonomika Ewropea.

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/press>